*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ZURRIEQ*

*LAQGHA NUMRU ĦAMSA U ERBGĦIN*

*28 ta' Frar, 2005*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Antonia Farrugia, l-Kunsillier Mario Ellul u l- Kunsillier Emanuel Briffa.*

*Il-Kunsillier Mark Spiteri kien preżenti mis-6.40pm 'il quddiem.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻAT*

*Il-Viċi Sindku Joseph D'Amato.*

*MINUTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***45.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*45.1.1 Il- Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*45.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħat Numru 43 u 44 kif imressqa."*

*45.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Ellul u għaddiet nem.con.*

*45.1.4 Il-Kunsill innota illi l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta ma kienet ħadet l-ebda azzjoni fir-rigward tal-komunikat tal-Kunsill dwar il-venda tat-trasport pubbliku.*

*45.1.5 Il-Kunsill approva illi jsiru żewġ tabelli fiż-żona tal-venda li juru li din hi riservata għat-trasport pubbliku.*

*45.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*45.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilll bil-ħtieġa ta' upgrade għas-software li jżomm ir-rekords finanzjarji tal-Kunsill bl-ispiża ta' Lm 160.*

*45.2.2 Il-Kunsill approva din l-ispiża kif ukoll l-attendenza tas-Segretarju Eżekuttiv u membru tal-istaff għal seminar li ser isir dwar dan is-suġġett.*

*45.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li s-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo kien ser jagħmel sensiela ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mas-Segretarji Eżekuttivi dwar ir-regolamenti li jitrattaw il-monti kif ukoll il-one time permit.*

*45.2.4 F'dan ir-rigward il-Kunsillier Antonia Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv informaw lil Kunsill bil-punti diskussi mas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo f'laqgħa li żammew miegħu dwar ir-riallokazzjoni tal-Monti, għal-liema kienu ser jibdew passi biex ikun hemm possibilta ikbar li din iseħħ.*

*45.2.5 Il-Kunsill, wara li kkunsidra korrispondenza riċevuta mingħand il-Kunsill Lokali Marsascala dwar assoċjazzjoni li tħares li ma jsirux impjanti ta' riċiklaġġ ta' skart f'żoni residenzjali, bi tlett voti favur u tnejn kontra, qabel li hu favur il-kunċett imma s-sħubija fl-imsemmija assoċjazzjoni għandha tittieħed mill-Kunsill li jinħatar wara l-elezzjonijiet lokali.*

*45.2.6 Il-Kunsill wara kunsiderazzjoni għal talba mingħand l-Eden Foundation, qabel li ma jistgħax jipprovdi l-iskip mitlub għax dan imur kontra l-politika tiegħu dwar dan is-suġġett.*

*45.2.7 Il-Kunsill wara talba li saritlu mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, qabel illi jingħataw dawn l-ismijiet għat-toroq li għadhom bla isem:*

*45.2.8 Triq ġdida fi Triq Fra Luca Zurki ssir Triq Monsinjur Gauci;*

*45.2.9 Triq ġdida fi Triq l-Imqabba ssir Triq Joseph Zerafa;*

*45.2.10 Triq ġdida fi Vjal l-Indipendenza ssir Triq Dun Mikiel D'Amato; u*

*45.2.11 Triq ġdida fi Triq Zaccarija Roncali ssir Triq Dun Salvu Farrugia.*

### *45.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kuntratt ta' Youth Worker*

*45.3.1 Il-Kunsill approva l-kuntratt ta' ngaġġ tas-Sur Geatano Vella bħala Youth Worker għal perjodu ta' sentejn, li jibda mill-15 ta' Marzu, 2004 sal-15 ta' Marzu, 2006.*

*45.3.2 Kopja ta' kuntratt hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

*45.3.3 Il-ħatra tiegħu saret bħala parti mill-ftehim li l-Kunsill għandu mal-Ministeru responsabbli miż-żgħażagħ għat-twaqqif ta' Youth Empowerment Programme fiż-Żurrieq.*

### *45.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju (Ottubru-Diċembru, 2004)*

*45.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju li jitratta l-perjodu ta' bejn Ottubru u Diċembru, 2004.*

*45.4.2 Kopja ta' dan ir-rapport hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

*45.4.3 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*45.4.4 "Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-sena finanzjarja kif imressaq."*

*45.4.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Ellul u approvata nem.con.*

### *45.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Performance Appraisal Reports ta l-Impjegati kollha tal-Kunsill*

*45.5.1 Il-Kunsillier Mark Spiteri daħal għal-laqgħa f'dan il-ħin. (6.40pm).*

*45.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-Performance Appraisal Reports tal-impjegati klerikali tal-Kunsill.*

*45.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-ħidma mwettqa mill-impjegati fil-ħidma rispettiva tagħhom u rrakomanda lil Kunsill li jingħata l-massimu ta' 6% bħala performance bonus.*

*45.5.4 Il-Kunsillier Antonia Farrugia ressqet din il-mozzjoni:*

*45.5.5 "Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, japprova l-massimu ta' performance bonus ta' 6%, lill-impjegati*

klerikali tiegħu is-Sinjuri Josianne Cilia Mumford, Charmaine Muscat u Francesca Bonello."

45.5.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Sammut u approvata nem.con.

45.5.7 Is-Sindku ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv.

45.5.8 Is-Sindku ta' rendikont tal-ħidma mwettqa mis-Segretarju Eżekuttiv fil-ħidma rispettiva tiegħu u rrakomanda lil Kunsill li jingħata l-massimu ta' 10% bħala performance bonus.

45.5.9 Il-Kunsillier Emanuel Briffa ressaq din il-mozzjoni:

45.5.10 "Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, japprova l-massimu ta' performance bonus ta' 10%, lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Adrian Mifsud."

45.5.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Ellul u approvata nem.con.

## 43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi

43.7.1 Il-Kunsillier Mario Ellul informa lil Kunsill li kien irċieva ammont limitat ta' leaflets dwar l-attivitajiet ta' Angermunde u li kien talab biex jingħatawlu aktar.

43.7.2 Il-Kunsill ikkunsidra l-ilmenti tar-residenti, mressaqa għall-attenzjoni tiegħu mis-Segretarju Eżekuttiv.

43.7.3 Fir-rigward ta' ilment numru 127/05, dwar nuqqasijiet fi Sqaq San Tumas, is-Sindku għarraf lil Kunsill li kien ser jiltaqa mar-residenti kkonċernati.

43.7.4 Fir-rigward ta' ilment numru 142/05, dwar l-Iskola tas-Sajf, il-Kunsill ra li dan l-ilment għandu jiġi trattat mill-Kunsill li ġej.

43.7.5 Fir-rigward ta' ilment numru 159/05, dwar inkonvenjenti kkawżati minn persuna fiż-żona residenzjali Tal-Bebbux, kien hemm qbil li dan għandu jiġi referut lil Pulizija.

43.7.6 Fir-rigward ta' ilment numru 164/05, dwar railing quddiem Skola Primarja 'A', il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru mill-ħaddiema tal-IPSL.

43.7.7 Il-Kunsill approva l-installazzjoni ta' tliet lampi ġodda, tnejn fl-inħawi ta' Ħal Far u l-oħra wara ċ-ċimiterju ta' Bubaqra.

*43.7.8 Il-Kunsill apporva xogħlijiet ta' culvert u overflow għal ġiebja li qed issir fil-proġett taċ-ċentru taż-Żurrieq kif ukoll l-installazzjoni ta' sistema ġdida ta' arbli dekorattivi għall-istess inħawi.*

*43.7.9 Fir-rigward tat-tneħħija ta' vetturi abbandunati, l-Kunsill kien infurmat li qed isiru l-preparamenti meħtieġa biex jinbeda l-proċess li jinħarġu l-avviżi li eventwalment jiġu mwaħħla mal-karozzi, wara li saret identifikazzjoni ta fejn dawn jinsabu.*

*43.7.10 Il-Kunsill qabel li tintalab informazzjoni dwar il-possibilita li ssir bye-law li tinforza l-bini ta' ċnut madwar artijiet mhux mibnija fiż-Żurrieq.*

*43.7.11 Il-Kunsill approva x-xiri kollu li sar bejn il-laqgħa preċedenti u dik tal-lum permezz tal-Purchase Orders, minn numru 702 sa 731, li rendikont tagħhom hu aness ma' dawn il-minuti.*

***43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti***

*43.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti, l-kont tal-Petty Cash għax-xahar ta' Jannar, 2005, talbiet ta' ħlas għal overtime u rifużjoni tas-servizzi mogħtija mit-Tribunal lill-iskrivani tal-Kunsill kif ukoll talbiet oħra għal ħlas ta' kontijiet li waslu wara l-ħruġ tal-aġenda għal din il-laqgħa.*

*43.6.2 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*43.6.3 "B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' Lm 25835.11c u l-ħlas lura fil-kont tal-Petty Cash ta' Lm 33.56c, ħlas lill-iskrivani għal overtime ta' Lm 60.84c u servizz lit-Tribunal Lokali ta' Lm 24.75c kif ukoll it-talba ta' ħlas ta' Lm 95.00c lis-Sur Anthony Farrugia għal ħsarat li kkważat fil-propjeta tiegħu mera tat-traffiku kif ukoll talba ta' ħlas ta' Lm 40.00 bħala rifużjoni għal spejjeż tat-trasport li għamel is-Sur Julian Scicluna fir-rigward ta' esebizzjoni li ttellgħet fil-Mitħna tax-Xarolla.*

*43.6.4 Il-Kunsill ma japprovax talba ta' ħlas ta' Lm 196.69 li saret issa mill-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward ta' xogħlijiet li twettaq aktar minn ħames snin ilu billi l-ammont mitlub diġa fl-istima ġie mħallas kif ukoll qabel li jagħmel iżjed diskussjonijiet mas-Sur Anthony Farrugia fir-rigward tat-talba tiegħu ta' Lm 105 għal bdil ta' tieqa għal ħsara li kkawżat propjeta tal-Kunsill ."*

*43.6.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Ellul u għaddiet nem.com.*

*43.6.6 Fi tmiem il-laqgħa l-Kunsillier Mario Sammut ippreżenta ittra ta' ringrazzjament lil Kunsill li tinkludi stima ta' madwar Lm 400 fi spejjeż personali li l-Kunsillier Sammut stqarr li mhux qed jitlob rifużjoni tagħhom, anke issa li mhux ser jerġa jikkontesta għall-elezzjonijiet lokali.*

*43.6.7 Is-Sindku f'isem il-Membri eletti rringrazzja lil Kunsillier Sammut għal ħidma fejjieda tiegħu, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv f'isem l-istaff tal-Kunsil, esprima l-apprezzament lejn il-kordjalita li wera l-Kunsillier Sammut fis-sitt snin li żamm il-kariga ta' Kunsillier.*

*43.6.8 Kopja tal-ittra tal-Kunsillier Mario Sammut hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

*43.6.9 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-7.40 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum _____ ta' Marzu, 2005*

*Ignatius Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***